PARLEMENT EUROPÉEN

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

25.1.2008 PE400.535v01-00

EMENDI 37-60

Abbozz ta' rapport **(PE400.300v01-00)**
Luciana Sbarbati
Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni

Proposta għal deċiżjoni (COM(2007)0466 – C6-0303/2007 – 2007/0167(CNS))

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi tal-Parlament

Emenda mressqa minn Patrick Gaubert

Emenda 37
Premessa 6

(6) L-EMN għandu jevita li jidduplika x-xogħol ta' strumenti jew strutturi eżistenti tal-Komunità li għandhom l-għan li jiġbru u jiskambjaw informazzjoni fl-oqsma tal-migrazzjoni uażil u għandu jipprovdi valur miżjud meta mqabbel magħhom, b'mod partikolari permezz tal-firxa wiesgħa tal-karigi tiegħu, attenzjoni qawwija fuq analiżi, rabtiet mal-komunità akkademika u disponibbiltà pubblika ta' l-outputs tiegħu.	(6) L-EMN għandu jevita li jidduplika x-xogħol ta' strumenti jew strutturi eżistenti tal-Komunità li għandhom l-għan li jiġbru u jiskambjaw informazzjoni fl-oqsma tal-migrazzjoni uażil u għandu jipprovdi valur miżjud meta mqabbel magħhom, b'mod partikolari permezz ***tan-newtralità tiegħu,*** tal-firxa wiesgħa tal-karigi tiegħu, *l-attenzjoni* qawwija fuq analiżi, *ir-rabtiet* mal-komunità akkademika***, l-amministrazzjoni ċentrali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi,*** u *l-aċċess pubbliku għall-ħidmiet* tiegħu.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Għandha tiġi ssottolinjata n-natura newtrali ta' l-EMN u wieħed għandu jfakkar fir-rabtiet ma' l-amministrazzjonijiet ċentrali ta' l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li huma attivi f'dan il-qasam.

Emenda mressqa minn Claude Moraes

Emenda 38
Premessa 9

(9) Kull Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għandu jwaqqaf netwerk ta' migrazzjoni nazzjonali, iffurmat minn organizzazzjonijiet u individwi attivi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil, ***u li jinkludu,*** pereżempju, universitajiet, organizzazzjonijiet ta' riċerka u riċerkaturi, organizzazzjonijiet governattivi u non-governattivi u organizzazzjonijiet internazzjonali, sabiex tingħata vuċi lill-partijiet interessati kollha.	(9) Kull Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għandu jwaqqaf netwerk ta' migrazzjoni nazzjonali, iffurmat minn organizzazzjonijiet u individwi attivi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil***. Sabiex tkun garantita l-affidabilità u l-komparabilità ta' l-informazzjoni dwar l-immigrazzjoni u l-ażil mogħtija min-netwer, il-punti ta' kuntatt nazzjonali għandhom jinkludu,*** pereżempju, ***rappreżentanti ta' l-***universitajiet, organizzazzjonijiet ta' riċerka u riċerkaturi, organizzazzjonijiet governattivi u non-governattivi u organizzazzjonijiet internazzjonali, sabiex tingħata vuċi lill-partijiet interessati kollha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hu importanti li n-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ikun f'kundizzjoni li jappoġġja l-ħidmiet dwar l-informazzjoni li tiġi mill-amministrazzjonijiet ċentrali, l-universitajiet, iċ-ċentri ta' riċerka, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-organizzazzjoniijiet internazzjonali u t-test għandu jispeċifika biċ-ċar li dawn l-atturi jagħmlu parti minn organizzazzjonijiet differenti.

Emenda mressqa minn Marian-Jean Marinescu

Emenda 39
Premessa 12

(12) Fejn meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu, l-EMN għandu jkun jista' jwaqqaf relazzjonijiet ta' kooperazzjoni ma' entitajiet oħra attivi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil. Meta jitwaqqfu relazzjonijiet bħal dawn, għandha tingħata attenzjoni partikolari biex ikun żgurat grad tajjeb ta' kooperazzjoni ma' entitajiet fid-Danimarka, in-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera, il-pajjiżi kandidati, il-pajjiżi li jiffurmaw parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-Russja.	(12) Fejn meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu, l-EMN għandu jkun jista' jwaqqaf relazzjonijiet ta' kooperazzjoni ma' entitajiet oħra attivi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil. Meta jitwaqqfu relazzjonijiet bħal dawn, għandha tingħata attenzjoni partikolari biex ikun żgurat grad tajjeb ta' kooperazzjoni***, b'mo partikulari*** ma' entitajiet fid-Danimarka, in-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera, il-pajjiżi kandidati, il-pajjiżi li jiffurmaw parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-Russja***, kif ukoll ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali u mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu ta' dawk li jitolbu l-asil u tal-migranti.***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Sabiex ikunu protetti r-refuġjati, tkun miġġielda l-immigrazzjoni klandestina, wieħed jinforma dwar il-mezzi legali ta' migrazzjoni, tiġi rranġata s-sitwazzjoni tar-refuġjati billi jiġu offruti aċċess aħjar għal soluzzjonijiet sostenibbli, jissaħħu l-mezzi ta' sorveljanza fil-fruntieri u jiġu ffaċċjati l-problemi ta' ritorn, l-Unjoni Ewropea għandha assolutament tassoċja l-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu ma' l-isforzi li tagħmel bl-għan li tamministra l-flussi migratorji.

Emenda mressqa minn Rareş-Lucian Niculescu

Emenda 40
Premessa 12

(12) Fejn meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu, l-EMN għandu jkun jista' jwaqqaf relazzjonijiet ta' kooperazzjoni ma' entitajiet oħra attivi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil. Meta jitwaqqfu relazzjonijiet bħal dawn, għandha tingħata attenzjoni partikolari biex ikun żgurat grad tajjeb ta' kooperazzjoni ma' entitajiet fid-Danimarka, in-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera, il-pajjiżi kandidati, il-pajjiżi li jiffurmaw parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-Russja.	(12) Fejn meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu, l-EMN għandu jkun jista' jwaqqaf relazzjonijiet ta' kooperazzjoni ma' entitajiet oħra attivi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil. Meta jitwaqqfu relazzjonijiet bħal dawn, għandha tingħata attenzjoni partikolari biex ikun żgurat grad tajjeb ta' kooperazzjoni ma' entitajiet fid-Danimarka, in-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera, il-pajjiżi kandidati, il-pajjiżi li jiffurmaw parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-Russja ***u s-Serbja, kif ukoll ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali u mal-pajjiżi minn fejn jiġu dawk li jitolbu***

l-ażil u l-migranti.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Is-Serbja tinsab fil-viċinat immedjat ta' l-Unjoni Ewropea, imma mhix kandidata għall-adeżjoni u lanqas tipparteċipa fil-Politika Ewropea għall-Viċinat. Din l-emenda tikkompleta l-Emenda 6 ta' l-abbozz ta' rapport.

Emenda mressqa minn Claude Moraes

Emenda 41
Premessa 12

(12) Fejn meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu, l-EMN għandu jkun jista' jwaqqaf relazzjonijiet ta' kooperazzjoni ma' entitajiet oħra attivi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil. Meta jitwaqqfu relazzjonijiet bħal dawn, għandha tingħata attenzjoni partikolari biex ikun żgurat grad tajjeb ta' kooperazzjoni ma' entitajiet fid-Danimarka, in-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera, il-pajjiżi kandidati, il-pajjiżi li jiffurmaw parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-Russja.	(12) Fejn meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu, l-EMN għandu jkun jista' jwaqqaf relazzjonijiet ta' kooperazzjoni ma' entitajiet oħra attivi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil. Meta jitwaqqfu relazzjonijiet bħal dawn, għandha tingħata attenzjoni partikolari biex ikun żgurat grad tajjeb ta' kooperazzjoni ma' entitajiet fid-Danimarka, in-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera, il-pajjiżi kandidati, il-pajjiżi li jiffurmaw parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-Russja***, kif ukoll ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka u mal-pajjiżi minn fejn jiġu dawk li jitolbu l-ażil u l-migranti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hu importanti li n-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ikun f'kundizzjoni li jappoġġja l-ħidmiet dwar l-informazzjoni li tiġi mill-amministrazzjonijiet ċentrali, l-universitajiet, iċ-ċentri ta' riċerka, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-organizzazzjoniijiet internazzjonali u t-test għandu jippreċiża biċ-ċar li dan jimplika wkoll il-parteċipazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, ta' l-universitajiet u taċ-ċentri ta' riċerka. B'mod paralleli, għandha tkun żgurata kollaborazzjoni fl-iskambju ta' informazzjoni bejn ċerti pajjiżi li qed jissodisfaw ir-rekwiżiti tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

Emenda mressqa minn Kathalijne Maria Buitenweg

Emenda 42
Artikolu 1, subparagrafu 2

L-għan ta' l-EMN għandu jkun li jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' informazzjoni ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità, l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, u l-pubbliku ġenerali dwar ***migrazzjoni*** u *ażil*, billi jipprovdi informazzjoni aġġornata, oġġettiva, affidabbli ***u kumparabbli*** *dwar migrazzjoni uażil*, bil-għan li jappoġġja t-tfassil ta' politika u deċiżjonijiet fl-Unjoni Ewropea f'dawn l-oqsma.	L-għan ta' l-EMN għandu jkun li jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' informazzjoni ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità, l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, u l-pubbliku ġenerali dwar migrazzjoni uażil, billi jipprovdi informazzjoni aġġornata, oġġettiva, affidabbli u kumparabbli dwar migrazzjoni u żil, bil-għan li jappoġġja t-tfassil ta' politika u deċiżjonijiet fl-Unjoni Ewropea f'dawn l-oqsma. L-għan ta' l-EMN għandu jkun li jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' informazzjoni ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità, l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, u l-pubbliku ġenerali dwar ***it-totalità ta' l-aspetti tal-migrazzjoni*** u *l-ażil*, billi jipprovdi informazzjoni aġġornata, oġġettiva, affidabbli u kumparabbli dwar *f'dan ir-rigward*, ***inklużi statistiċi dettaljati u kumparabbli li jagħtu evidenza dwar l-impatt tal-leġiżlazzjoni Komunitarja,*** bil-għan li jappoġġja t-tfassil ta' politika u deċiżjonijiet fl-Unjoni Ewropea f'dawn l-oqsma.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hu neċessarju li wieħed jippreċiża li t-temi ta' l-immigrazzjoni u ta' l-ażil għandhom ikunu koperti fit-totalità ta' l-aspetti tagħhom, sabiex ikun evitat li ċerta data li tkun sensittiva politikament marbuta ma' dawn il-kwistjonijiet titwarrab b'mod deliberat. Hu importanti wkoll li wieħed jinsisti fuq in-neċessità li jiġu stabbiliti parametri statistiċi Ewropej, sabiex ikun determinat safejn il-leġiżlazzjoni Komunitarja jirnexxielha tikkoreġi d-differenzi bejn l-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam, b'mod partikulari, mal-livell ta' protezzjoni tar-refuġjati.

Emenda mressqa minn Giusto Catania, Claudio Fava et Claude Moraes

Emenda 43
Artikolu 1, subparagrafu 2

L-għan ta' l-EMN għandu jkun li jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' informazzjoni ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità, l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, u l-pubbliku ġenerali dwar *migrazzjoni* ***u*** *ażil*, billi jipprovdi informazzjoni aġġornata, oġġettiva, affidabbli u kumparabbli *dwar migrazzjoni uażil*, bil-għan li jappoġġja t-tfassil ta' politika u deċiżjonijiet fl-Unjoni Ewropea f'dawn l-oqsma.	L-għan ta' l-EMN għandu jkun li jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' informazzjoni ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità, l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, u l-pubbliku ġenerali dwar *il-migrazzjoni****,*** *l-ażil* ***u l-integrazzjoni***, billi jipprovdi informazzjoni aġġornata, oġġettiva, affidabbli u kumparabbli *f'dan ir-rigward*, bil-għan li jappoġġja t-tfassil ta' politika u deċiżjonijiet fl-Unjoni Ewropea f'dawn l-oqsma.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda m'għandhiex bżonn spjegazzjoni.

Emenda mressqa minn Patrick Gaubert

Emenda 44
Artikolu 1, subparagrafu 2 a (ġdid)

	L-EMN għandu wkoll l-objettiv li jipprovdi lill-pubbliku ġenerali informazzjoni oġġettiva dwar dawn l-oqsma.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Hu importanti li wieħed jinsisti fuq in-natura oġġettiva ta' l-informazzjoni li se tingħata għad-dispożizzjoni mill-EMN u li wieħed jiżgura li d-data tkun kumparabbli.

Emenda mressqa minn Luciana Sbarbati

Emenda 45
Artikolu 2(c)

(c) jiżviluppa metodi għat-titjib tal-kumparabbiltà, l-oġġettività u l-affidabbiltà tad-data fil-livell Komunitarju bit-twaqqif ta' indikatur u kriterji li *jtejjbu* l-konsistenza ta' l-informazzjoni u jgħinu fl-iżvilupp ta' attivitajiet tal-Komunità relatati ma' l-istatistika migratorja;	(c) jiżviluppa metodi għat-titjib tal-kumparabbiltà, l-oġġettività u l-affidabbiltà tad-data fil-livell Komunitarju bit-twaqqif ta' indikatur u kriterji li *jtejbu* l-konsistenza ta' l-informazzjoni u jgħinu fl-iżvilupp ta' attivitajiet tal-Komunità relatati ma' l-istatistika migratorja ***u fil-qasam ta' l-ażil, (pereżempju, data u statistiki relatati man-numru ta' immigranti legali u illegali, ta' immigranti li jintbagħtu lura, ta' talbiet għall-ażil li jiġu aċċettati u ta' dawk li jiġu rrifjutati u ta' pajjiżi ta' oriġini) sabiex iwasslu għall-armonizzazzjoni ta' dawn l-indikaturi u ta' dawn il-kriterji fil-livell Ewropew, b'kollaborazzjoni ma' l-organi Ewropej kompetenti l-oħra***;

Or. it

Emenda mressqa minn Marian-Jean Marinescu

Emenda 46
Artikolu 2(d)

(d) jippubblika rapporti perjodiċi dwar is-sitwazzjoni tal-migrazzjoni uażil fil-Komunità u l-Istati Membri tagħha;	(d) ***jelabora u*** jippubblika rapporti perjodiċi dwar is-sitwazzjoni tal-migrazzjoni uażil fil-Komunità u l-Istati Membri tagħha;

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Hu importanti li l-EMN ikun kapaċi jappoġġja l-ħidmiet dwar l-informazzjoni li tiġi mill-Istati membri, li għandhom ir-responsabilità li jieħdu deċiżjonijiet dwar in-numru ta' migranti ekonomiċi li jilqgħu, bl-għan li jipparteċipa fit-tħejjija ta' politiki f'dan il-qasma fl-Unjoni Ewropea.

Emenda mressqa minn Marian-Jean Marinescu

Emenda 47
Artikolu 2(d a) (ġdid)

	da) jiġbor u jippubblika l-leġiżlazzjoni ta' l-Unjoni u dik ta' l-Istati Membri fl-oqsma

	tal-migrazzjoni u ta' l-ażil, kif ukoll kull informazzjoni oħra relevanti fil-qasam (kwota, regularizzazzjonijiet, kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti biex wieħed jitlob l-istat ta' refuġjat, prattiki u ġurisprudenzi li jagħmlu parti minnhom, eċċ.), l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-bżonnijiet differenti fis-suq tax-xogħol fl-Istati Membri li jistgħu jirrappreżentaw avvanz għall-ġestjoni ta' l-immigranti ekonomiċi fil-qafas ta' approċċ globali fuq l-iskala ta' l-Unjoni.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Hu importanti li l-EMN ikun kapaċi jappoġġja l-ħidmiet dwar l-informazzjoni li tiġi mill-Istati membri, li għandhom ir-responsabilità li jieħdu deċiżjonijiet dwar in-numru ta' migranti ekonomiċi li jilqgħu, bl-għan li jipparteċipa fit-tħejjija ta' politiki f'dan il-qasma fl-Unjoni Ewropea.

Emenda mressqa minn Marian-Jean Marinescu

Emenda 48
Artikolu 2(f)

(f) *jżid* l-għarfien dwar l-EMN, billi jipprovdi aċċess għall-informazzjoni li jiġbor u jxerred l-*output ta' l-EMN*;	(f) *iżid* l-għarfien dwar l-EMN, ***permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni għall-fenomeni migratorji u permezz ta' sit ta' l-internet maħluq speċjalment,*** billi jipprovdi aċċess għall-informazzjoni li jiġbor u jxerred *ir-riżultati tal-ħidmiet tiegħu*;

Or. fr

Emenda mressqa minn Marian-Jean Marinescu

Emenda 49
Artikolu 2(g)

(g) jikoordina l-informazzjoni u l-	(g) jikoordina l-informazzjoni u l-

kooperazzjoni ma' korpi Ewropej u internazzjonali oħra rilevanti.	kooperazzjoni ma' korpi ***governattivi u mhux governattivi, nazzjonali,*** Ewropej u internazzjonali oħra rilevanti***, u jiżgura li l-attivitajiet tiegħu jkunu xierqa u kkoordinati ma' l-istrumenti u l-istrutturi Komunitarji li hemm fil-qasam tal-migrazzjoni u ta' l-ażil, bil-fehma li hu partikularment importanti li tingħata attenzjoni lill-għodda bijometrika użata fuq l-iskala ta' l-Unjoni li tikkontribwixxi biex l-Istat Membru responsabbli mill-eżami ta' talba għall-ażil (Eurodac) u lir-reġim tal-ġejjieni ta'ażil Ewropew komuni (CEAS).***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-istatistiki dwar il-migrazzjoni internazzjonali, il-popolazzjoni li tkun residenti normalment, il-ksib taċ-ċittadinanza, il-protezzjoni internazzjonali (inkluż l-ażil), il-permessi ta' residenza, id-dħul u l-waqfiet regulari, ir-ritorn u l-prevenzjoni tad-dħul u tal-waqfiet irregolari (billi jiġu arrestati u mibgħuta lura fil-fruntiera), il-kriterji ekonomiċi u mekkaniżmi oħra li jiddeterminaw l-Istat Membru għandhom jiġu attwalizzati u kkumparati b'mod kontinwu. Is-CEAS u l-EURODAC jirrappreżentaw sorsi tajba ħafna ta' kollaborazzjoni għall-EMN f'dan is-sens.

Emenda mressqa minn Patrick Gaubert

Emenda 50
Artikolu 5(1), subparagrafu 1

4. Kull Stat Membru jagħżel *entità waħda* li taġixxi bħala *Punt* ta' *Kuntatt Nazzjonali*.	*1*. Kull Stat Membru jagħżel *entità **newtrali*** li taġixxi bħala *punt* ta' *kuntatt nazzjonali*.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entità li tkun magħżula bħala punt ta' kuntatt tippreżenta l-garanziji ta' newtralità mitluba għall-missjonijiet li jingħatawlha.

Emenda mressqa minn Maria da Assunção Esteves

Emenda 51
Artikolu 5(1)

(*4*) Kull Stat Membru jagħżel entità waħda li taġixxi bħala *Punt* ta' *Kuntatt Nazzjonali*.	(*1*) Kull Stat Membru jagħżel entità waħda li taġixxi bħala *punt* ta' *kuntatt nazzjonali*.
Il-*Punt* ta' *Kuntatt Nazzjonali* għandu jikkonsisti minn ta' l-inqas tliet esperti. Wieħed minn dawn l-esperti, li jkollu r-rwol ta' koordinatur nazzjonali, ikun uffiċjal jew impjegat ta' l-entità magħżula. L-esperti l-oħra jistgħu jappartjenu għal din l-entità jew għal organizzazzjonijiet nazzjonali jew internazzjonali oħra, pubbliċi jew privati, ibbażati fl-Istat Membru.	Il-*punt* ta' *kuntatt nazzjonali* għandu jikkonsisti minn ta' l-inqas tliet esperti. Wieħed minn dawn l-esperti, li jkollu r-rwol ta' koordinatur nazzjonali, ikun uffiċjal jew impjegat ta' l-entità magħżula. L-esperti l-oħra jistgħu jappartjenu għal din l-entità jew għal organizzazzjonijiet nazzjonali jew internazzjonali oħra, pubbliċi jew privati, ibbażati fl-Istat Membru.
	Għat-totalità tal-kompetenzi tagħhom, il-punti ta' kuntatt nazzjonali huma suġġetti għall-prinċipji ta' imparzjalità u oġġettività.

Or. pt

Emenda mressqa minn Luciana Sbarbati

Emenda 52
Artikolu 5(3)(d)

(d) iwaqqfu netwerk ta' migrazzjoni nazzjonali, iffurmat minn firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet u individwi attivi ***fil-qasam*** tal-migrazzjoni u l-ażil u li jirrappreżentaw il-partijiet interessati kollha. Membri tan-netwerk nazzjonali ta' migrazzjoni ***jistgħu jiġu*** mitluba jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' l-EMN, b'mod partikolari skond l-Artikoli 8 u 9.	(d) iwaqqfu netwerk ta' migrazzjoni ***uażil*** nazzjonali, iffurmat minn firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet ***governattivi u mhux governattivi, b'mod partikulari universitajiet, ċentri ta' riċerka, organizzazzjonijiet mhux governattivi u assoċjazzjonijiet tal-professjonisti,*** u individwi attivi ***fl-oqsma differenti*** tal-migrazzjoni u l-ażil***,*** li jirrappreżentaw il-partijiet interessati kollha ***u li huma kapaċi jipprovdu għarfien partikulari***. Membri tan-netwerk nazzjonali ta' migrazzjoni ***huma*** mitluba jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' l-EMN, b'mod partikolari skond l-Artikoli 8 u 9.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jkun żgurat li l-punti ta' kuntatt ikunu jistgħu jikkoperaw ma' organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi, ma' universitajiet, ma' ċentri ta' riċerka, eċċ..

Emenda mressqa minn Giusto Catania, Claudio Fava et Claude Moraes

Emenda 53
Artikolu 6(3)

(3) Wara konsultazzjoni tal-Bord ta' Tmexxija ***u l-****Punti* ta' *Kuntatt Nazzjonali*, il-Kummissjoni *għandha*, fil-limiti ta' l-għan ġenerali u l-karigi definiti fl-Artikoli 1 u 2, tadotta l-programm annwali ta' attivitajiet ta' l-EMN. Il-programm għandu jispeċifika l-għanijiet u prijoritajiet tematiċi. Il-Kummissjoni għandha ssegwi l-eżekuzzjoni tal-programm annwali ta' attivitajiet u tagħti rapport regolari dwar l-eżekuzzjoni tiegħu u l-iżvilupp ta' l-EMN lill-Bord ta' Tmexxija*;*	3. Wara konsultazzjoni tal-Bord ta' Tmexxija***, il-****punti* ta' *kuntatt nazzjonali*, ***u l-Parlament Ewropew,*** il-Kummissjoni***, skond ir-riżorsi finanzjarji disponibbli u*** fil-limiti ta' l-għan ġenerali u l-karigi definiti fl-Artikoli 1 u 2, *għandha* tadotta l-programm annwali ta' attivitajiet ta' l-EMN. Il-programm għandu jispeċifika l-għanijiet u prijoritajiet tematiċi. Il-Kummissjoni għandha ssegwi l-eżekuzzjoni tal-programm annwali ta' attivitajiet u tagħti rapport regolari dwar l-eżekuzzjoni tiegħu u l-iżvilupp ta' l-EMN lill-Bord ta' Tmexxija.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Hu meqjus neċessarju, għal raġunijiet evidenti, li tiġi prevista wkoll il-konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

Emenda mressqa minn Claude Moraes

Emenda 54
Artikolu 8 (3)(f)

(f) direttorju ta' riċerkaturi u istituzzjonijiet ta' riċerka fil-qasam tal-migrazzjoni u ażil.	(f) direttorju ta' riċerkaturi u istituzzjonijiet ta' riċerka fil-qasam tal-migrazzjoni u ażil***, kif ukoll ta' l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u ta' l-organizzazzjonijiet nazzjonali, Ewropej u internazzjonali u intergovernattivi li jkunu attivi f'dan il-qasam***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni skambjata, miġbura u stabbilita mill-EMAN għandha titqassam u tiġi ppubblikata bl-iktar mod wiesa' possibbli fi ħdan it-totalità ta' l-atturi implikati u interessati. It-test għandu jippreċiża biċ-ċar li l-organizzazzjonijiet intergovernattivi, bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Immigranti, huma kkonċernati wkoll.

Emenda mressqa minn Maria da Assunção Esteves

Emenda 55
Artikolu 8 (3)(f a) (ġdid)

(fa) bibljografija Ewropea li ssemmi l-ħidmiet akkademiċi ppubblikati jew lew, u b'mod partikulari r-rapporti, il-fuljetti jew it-test tal-konferenzi;

Or. pt

Emenda mressqa minn Maria da Assunção Esteves

Emenda 56
Artikolu 8 (3)(f b) (ġdid)

(fb) aġenda Ewropea li ssemmi l-konferenzi u l-avvenimenti li ħallew impatt previsti fir-rigward tat-totalità tal-fenomenu tal-migrazzjoni u ta' l-ażil;

Or. pt

Emenda mressqa minn Maria da Assunção Esteves

Emenda 57
Artikolu 8 (3)(f c) (ġdid)

(fc) bażi ta' data fejn ir-riċerkaturi u l-istudenti li qed jagħmlu dottorat ikunu jistgħu jitfgħu l-informazzjoni dwar it-teżijiet u l-istudji li jippreparaw.

Or. pt

Emenda mressqa minn Maria da Assunção Esteves

Emenda 58
Artikolu 10 (1), subparagrafu 1a (ġdid)

L-EMN għandu jagħti privileġġ lill-interazzjoni mal-pajjiżi terzi ta' oriġini u ta' tranżitu ta' dawk li jkunu ħerġin minn hemm biex imorru lejn l-Unjoni Ewropea.

Or. pt

Emenda mressqa minn Marian-Jean Marinescu

Emenda 59
Artikolu 10(1 a) (ġdid)

(1a) Il-kooperazzjoni ta' l-EMN mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu ta' dawk li jitolbu l-ażil u tal-migranti tiżgura l-koerenza ta' l-applikazzjoni tal-politika komuni fil-qasam ta' l-immigrazzjoni u ta' l-ażil. Din il-kooperazzjoni għandha l-għan li tikseb grad ta' kooperazzjoni xieraq mal-pajjiżi ġirien sabiex tikkonsolida l-politika Ewropea għall-Viċinat.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Hu importanti li l-Istati Membri ta' l-UE u l-pajjiżi terzi, b'mod partikulari l-pajjiżi ġirien,

iħejju strateġija b'mod konġunt u jiżviluppaw kooperazzjoni operattiva bejn il-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u tad-destinazzjoni sabiex jamministraw il-migrazzjonijiet b'mod iktar effikaċji skond il-prinċipji prinċipali tal-migrazzjoni. Dan id-djalogu, imsejjes fuq is-solidarjetà, jista' jkopri azzjonijiet, fi spirtu ta' sħubija, favur l-immigrazzjoni legali li tirnexxi, filwaqt li tiġi żgurata ġlieda iktar effikaċji kontra l-immigrazzjoni klandestina u l-ittrattar tal-bnedmin.

Emenda mressqa minn Giusto Catania, Claudio Fava et Claude Moraes

Emenda 60
Artikolu 13

Mhux iktar minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, u kull tliet snin wara, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-iżvilupp ta' l-EMN lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Mar-rapport għandhom jintbagħtu, jekk dan ikun meħtieġ, proposti għal emendi għal din id-Deċiżjoni.	Mhux iktar minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, u kull tliet snin wara, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-iżvilupp ta' l-EMN lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Mar-rapport għandhom jintbagħtu, jekk dan ikun meħtieġ, proposti għal emendi għal din id-Deċiżjoni ***bl-għan li jinħoloq osservatorju Ewropew tal-flussi migratorji***.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Hu importanti li jiġi previst il-ħolqien eventwali ta' osservatorju, fil-każ li dan ikun mixtieq bħala segwitu għar-rapport fuq tliet snin.